# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru   10**

**Avviz  numru  1367/99/SM**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Paul Privitera abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Paul Privitera**

**vs**

**Alfred Sammut**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta' Settembru ta' l-1999 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita' skond il-Ligi, jhallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin Lira Maltin u disgha u tletin centezmu (LM349.39,0) in kwantu ghall-ammont ta' tlett mija u erbgha u ghoxrin Lira Maltin u disgha u tletin centezmu (LM324.39,0), jew somma ohra verjuri lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat taghha Paul Privitera, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin, (LM25.00,0) lill-attur Paul Privitera ammont rapprezentanti excess payment, li ma kinux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fid-29 ta' Jannar 1999 ghall-habta ta 8.15 p.m. gewwa Santa Venera By-Pass, Santa Venera, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAC 201 proprjeta' ta' l-attur Paul Privitera u l-vettura misjuqa minnu bin-numru ta' registrazzjoni AAI 815 liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra gudizzjarja tad-9 ta' Awissu ta' l-1999, u ta' l-ittra gudizzjarja li qed tintbaghat kontestwalment ma' dan l-Att lis-socjeta' Elmo Insurance Services Limited bhala agenti tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc u interessi legali mid-data tan-notifika ta' din l-imsemmija ittra gudizzjarja tad-9 ta' Awissu, 1999, sad-datat tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-11 ta' Ottubru ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. It-talba tal-atturi ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija ta' l-attur Paul Privitera;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh ghall-habta tat-8.15 p.m. tad-29 ta' Jannar ta' l-1999 hekk kif wiehed johrog minn fuq il-istop sign li hemm fin-nizla tal-Bypass ta' Santa Venera fid-direzzjoni lejn il-Mosta;**

2. **Illi l-vetturi nvoluti kienu wahda tal-marka Nissan Sunny bin-numru ta' registrazzjoni BAC-201 misjuqa minn Paul Privitera, wiehed mill-atturi u l-ohra tal-marka Kia Mentor bin-numru AAI-815 misjqua mill-konvenut Alfred Sammut;**

3. **Illi kif jirrizulta mill-atti processwali l-vettura tal-marka Nissan Sunny kienet gejja mid-direzzjoni ta' fejn hemm l-istop sign fl-iskizz u dahhlet fil-karreggjata ta' fejn kienet qed tigi misjuqa l-vettura Kia Mentor u sehhet il-kollizzjoni;**

4. **Illi d-danni sofferti mill-atturi jammontaw ghall-tlett mija u disa' u erbghin Lira Maltin u disa' u tletin centezmu, (LM349.39,0);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalkemm l-iskizz ma giex analizzat mill-partijiet involuti kif jixraqlu, jirrizulta li hemm nieqes fih il-"point of impact" li seta' jkun ta' ghajnuna lil din il-qorti fl-analizi taghha;**

**Illi mehudin ikkonfermati l-posizzjonijiet tal-vetturi kif jidhru fl-iskizz bhala l-post fejn waqfu wara l-incident allura l-**

**“point of impact” bilfors ikollu jittiehed li sehh f’post qabel fejn huma indikati l-istess vetturi;**

**Illi tenut kont ta’ dan, allura jidher ovvju li l-attur konducent tal-vettura BAC-201 beda jsuq mit-triq sekondarja ferm qabel ma kien imissu stante li l-istop sign f’dik il-parti tat-triq kienet tippermettilu jieqaf u jsuq biss meta ma jkunx ta’ ostakolu ghall-vetturi ohra fil-karreggjata principali fejn ried jidhol hu;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**